IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* MARZU 1946

# *Il-Premju Guze' Muscat Azzopardi u Il-Hajja Kulturali tal-Pajjiż*

*FL-AHHAR numru ta'* "Il-Malti" *konna ġibna l-aħbar tal-fondazzjoni tal-*"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" *li twaqqaf bħala tifkira tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, P.L., P.E.P., B.M., l-ewwel President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."*

*Dan il-premju aħna nqisuh bħala qofol għal kull ħidma għall-ġid ta' l-ilsien Malti; bis-saħħa tiegħu nistennew li titkattar u tiżdied il-ħrara mhux biss għall-ilsien tagħna imma wkoll għal kull sentiment nazzjonali; għax l-ilsien u n-nazzjon huma marbutin hekk flimkien li kull ħaġa li tolqot lil wieħed ma tistax ma jkollhiex effett fuq l-oħra wkoll.*

*Bit-twaqqif ta' dan il-premju Malta ġiet f'tagħha u ntrefgħet mhux ftit. Issa pajjiżna jista' bil-ħaqq kollu joqgħod ma' ġenb pajjiżi oħrajn l-aktar ċivilizzati fejn għandhom premijiet u inkuraġġimenti biex iħajru n-nies iwettqu ħidmiet għall-ġieh tan-nazzjon; għax il-kobor tan-nazzjon hu skond il-ġieh li jżejjen lil dik in-nazzjon, li aktar tarfa' rasha fost ix-xirka tal-ġnus aktar ma jkun għoli l-unur tagħha.*

*Il-premiazzjoni għal ħidma nazzjonali hija xhieda ta' progress u ċiviltà. Il-popli għafsin u li baqgħu lura fit-triq tal-progress ma jfittxux li jseddqu s-sentimenti nazzjonali tagħhom, imma ġens tal-għaqal dejjem ħass ruħu kburi b'dak li Alla tah u għanieh u min ma jagħmilx hekk ikun qisu jmaqdar lilu nnifsu u jistieden oħrajn biex iwaqqgħuh fil-għajb.*

*Fid-dinja dejjem hekk kien li n-nies jistmawk daqs kemm inti tistma lilek innifsek, jiġifieri min iħares kif imiss lilu nnifsu u lil ħwejġu joqgħla f'għajnejn ħaddieħor, iżda min jittraskura ħwejġu, barra li jibqa' biex jitlef kollox u jiftaqar, jaqa' għażżebliħ.*

*Aħna, bħala poplu, żgħar wisq, imma għandna grajja tal-għaġeb li tagħmilna kbar f'għajnejn id-dinja u sakemm nibqgħu*

*nidhru bħala poplu għalina bil-ġrajja tagħna, id-dinja tibqa' tqisna bil-qima li jistħoqqilna; imma hemm ħaġa li tagħżilna bħala ġens għalih u torbot il-ġrajja ta' gżiritna mal-ġens tagħna u din il-ħaġa hija l-ilsien Malti. L-ilsien Malti qisu l-qafas li fuqu mibnija l-istorja tagħna u li ġewwa fih jiġbor il-ħajja u s-sentimenti nazzjonali tagħna. Għalhekk biex inwettqu n-nazzjonalità tagħna u nsaħħuha u nkattruha u nxettluha rridu nikkoltivaw l-ilsien tagħna, dan kollu jseħħ b'mezz tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" li jżomm bla qatt jintefa n-nar ta' ħeġġa għall-ilsien Malti.*

*Bħalma l-"Premju Noble" huwa kawża ta' inkuraġġiment kbir għall-arti u għax-xjenza tad-dinja kollha u huwa l-ogħla ambizzjoni ta' l-aqwa għorrief internazzjonali, hekk il-"Premju Muscat Azzopardi" għad ikun il-mezz li jqanqal interess u ħidma ħarkiena dwar l-ilsien Malti u minn dan il-premju nistennew ukoll żvilupp ġdid fil-ħajja kulturali u nazzjonali tal-pajjiż. Il-"Premju Muscat Azzopardi" għad ikun l-inkoronazzjoni ta' patrijotti qalbenin, ta' għorrief imsemmijin, ta' kittieba mill-aqwa Maltin u barranin, li bix-xogħlijiet tagħhom jisfgħu ta' ġid għall-ilsien Malti.*

*Dari kull min kien jinteressa ruħu fil-Malti u jħabrek għalbiex iġib il quddiem l-ilsien nazzjonali tagħna ma kienx jaqla' ħlief tmaqdir u żebliħ. Il-lum min jindaħal għall-Malti għadu jaqla' fuq wiċċu wkoll, għax l-egħdewwa tal-Malti, fil-moħbi u fil-beraħ, għadhom ifixklu kemm jifilħu, iżda issa mat-tmaqdir u ż-żebliħ, id-difensuri tal-Malti jistgħu jiksbu premju sabiħ, premju li jagħmel ġieħ lilhom u jibqa' bħala tifkira għażiża għal uliedhom u wlied uliedhom.*

*Kull min iħabrek bil-qalb u bil-ħrara għall-Malti jkun jista' jaqla' dan il-ġieħ, għax il-"Premju" jingħata darba fis-sena u ħadd ma jista' jieħdu aktar minn darba waħda biss, biex ikunu jistgħu jeħduh għadd kbir ta' nies.*

*Il-premju miftuħ għall-Maltin u għall-barranin biex b'hekk iqajjem interess għall-Malti fost il-barranin ukoll. Aħna nafu li hemm ħafna għorrief barranin li jinteressaw ruħhom fil-Malti, xi wħud minnhom kitbu xogħlijiet sbieħ u ta' fejda fuq l-Etimoloġija tal-Malti, oħrajn ħarġu grammatki ta' siwi kbir fuq l-ilsien tagħna. Bis-saħħa ta' dan il-"Premju" nittamaw li l-barranin li jħobbu u jaħdmu għall-Malti jiżdiedu u b'hekk l-ilsien tagħna jieħu xejra ġmielha fl-istudji internazzjonali.*

*Mela l-"Premju Muscat Azzopardi" huwa rahan ta' tixtil ġdid fil-kultura nazzjonali, minnu nistennew ġid bla tarf għall-qawmien tal-Malti u għad jibqa' bħala għajn ta' saħħa u ta' sedqa għal kull tqanqila b'risq l-ilsien tagħna.* Quod bonum, felix, faustumque sit.